MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2007

Numru 766/2007

Il-Pulizija
(Spettur Maurice Curmi)

Vs

Saviour Brignano

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Saviour Brignano detentur ta' karta ta' identita' numbru 158450(M), akkuzat talli: f' Settembru 2006 f'Malta bil-hsieb li jaghmel hsara lil xi persuna, jakkuza lil dik il-persuna quddiem awtorita' kompetenti b'reat fil-waqt li kien jaf li dik il-persuna hija innocenti, ai termini ta' l-artikolu 101 tal- Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament, mhux opposta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-istqarrija tal-imputata hija ferm elokwenti u tispiega l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Rat l-Artikolu 22 tal-Kap 446 u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' sitt xhur mill-lum.

Il-qorti spiegat lill imputat ir-responsabiltajiet tieghu derivanti minn dina s-senteza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------